

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2017 – SEAE vs KL(Kawża T-278/15 P) ⁽¹⁾**(“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta’ promozzjoni 2013 — Nuqqas ta’ inklużjoni fil-lista tal-uffiċjali promossi — Assenza ta’ żball ta’ liġi”)**

(2017/C 129/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (rappreżentanti: inizjalment S. Marquardt u M. Silva, sussegwentement S. Marquardt, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: KL (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Intervenjent insostenn tal-appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u C. Berardis Kayser, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea [kunfidenzjali] ⁽²⁾ u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn KL fil-kuntest ta' din l-istanza.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati ma' din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 294, 7.9.2015.

⁽²⁾ Informazzjoni kunfidenzjali ommessa.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2017 – Bank Tejarat vs Il-Kunsill(Kawża T-346/15) ⁽¹⁾**(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta’ fondi — Inklużjoni mill-ġdid ta’ isem ir-rikorrent fil-listi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Awtorità ta’ res judicata — Użu ħażin ta’ poter — Drittijiet fundamentali”)**

(2017/C 129/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bank Tejarat (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy u A. Meskarian, solicitors, M. Brindle, QC, u R. Blakeley, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u A. Vitro, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/556, tas-7 ta' April 2015, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 92, p. 101), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/549, tas-7 ta' April 2015, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 92, p. 12), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.